**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 13 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 1167/01 AE**

**Miller Distributors Ltd**

**vs**

**C. Mifsud Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Malitja u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm323.27), bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2001 li permezz taghha cediet il-meritu u zammet ferm l-imghax u l-ispejjez gudizzjarji.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma dehritx fis-seduti tad-9 u tat-13 ta’ Novembru 2001 u lanqas ma pprezentat risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mis-socjeta attrici, qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-imghax b’sehh mid-data ta’ l-ahhar konsenja.

L-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) ikun ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**